Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2012

Numru. 22/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**
**Sammy Pace ta' 32 sena, bin Anthony u Carmen nee' Grima imwieled ir-Rabat (Gahwdex) nhar is-17 ta' Awwissu 1979, residenti il-fond numru 65, Triq il-Gnien, Ghajnsielem u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 18879(G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Sammy Pace akkuzat talli nhar il-04 ta' April 2009, gewwa il-kazin tal-Futbol ta' Ghajnsielem, Pjazza Madonna ta' Loreto, Ghajnsielem ghal habta ta' xi l-hdax ta' fil-ghaxija (2300hrs):

1. Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, cioe’ PS698 Shaun Joseph Tabone waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.
2. minghajr il-hsieb li joqtol jew li iqieghed il-hajja ta’ PS698 Shaun Joseph Tabone f’periklu car, ikkagunalu griehi ta’ natura gravi billi waddab xi haga iebsa (banketta).
3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hebb kontra PS698 Shaun Joseph Tabone sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor.
4. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u bil-glied.
5. ukoll talli sar recidiv b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) moghtija fil-05 ta’ Dicembru 2008, u fit-23 ta’ Settembru 2008, liema sentenzi saru definittivi.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dana l-procediment.

Rat l-artikoli tal-Ligi ndikati fin-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-18 ta’ Novembru 2009.

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi min-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali jidher illi l-imputat jinsab akkuzat b’mod ewlieni bir-reat konness mal-ingurji kontra ufficjal pubbliku u precizament bir-reat ikkontemplat fl-artikoli 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-ufficjal pubbliku nvolut f’dana l-incident kien is-Surgent 698 Shaun Joseph Tabone. Dana qed jinghad

ghaliex fil-jum u l-hin tal-incident dan l-ufficjal tal-pulizija ma kienx xoghol, ghalhekk ma kienx liebes uniformi u kien jinsab gewwa l-Futbol Club ta' Ghajnsielem bhala rekreazzjoni, fil-fatt huwa jghid illi kien qed isegwi xi loghba futbol. Jidher illi f'hin minnhom l-imsemmi surgent osserva membru tal-kumitat tal-club, certu Steve Cutajar jargumenta ma' persuna ohra certu Hussein Hamada. Dana Cutajar kien qed jallega illi Hamada u l-imputat kienu dahlu fit-toilet u bdew jabbuzaw mid-droga. Ghalhekk talab lil Hamada johrog 'il barra mill-club. Peress illi issemma l-imputat, is-surgent Tabone avvicina lill-imputat u talbu johorg barra mill-club sabiex ikellmu fuq dina l-kwistjoni, izda l-imputat irrifjuta jaghmel dan, beda jghajjat u jgholli lehnu. F'dak il-mument qabad banketta f'idejh u tefaghha fid-direzzjoni tas-surgent. Din waqghet fuq saqajn is-surgent tant illi huwa spicca sofra ksur f'subajgh tas-saqajh. Wara dana l-incident jidher illi s-surgent Tabone hafer lill-imputat ghal dana l-incident u huma irrangaw id-divergenzi ta' bejniethom.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel disposizzjoni tal-ligi ndikata mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju tieghu ghall-gudizzju huwa l-artikolu 95 tal-Kapitolu 9. Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana r-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1)filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2)jew inkella minhabba li jkun ghamel dana s-servizz pubbliku, (3)jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir

fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, jghidu:
"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre*."

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu ighid:

"*This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person*." (sottolinjar tal-Qorti)

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Giuseppe Borg jinghad:
"*Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacche' il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato*." (sottolinjar tal-Qorti).

L-awturi kollha Taljani fosthom il-Maino u l-Carrara isostnu:
"*Non occorre che il pubblico ufficiale vesta la divisa, ma la sua qualita debe essere nota a chi resiste*."

Illi fil-kaz in dizamina huwa fatt mhux ikkontestat illi s-surgent 698 fil-jum ta' dana l-incident kien "off-duty". Kwindi l-imputat qatt ma jista' jinstab hati ai termini tal-artikolu 95 illi huwa ghamel oltragg ghal dan l-ufficjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-dmirijiet tieghu. Illi fiz-zewg istanzi l-ohra irid jigi necessarjament ippruvat ness bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika u cioe' jrid jigi ppruvat illi l-oltragg ikun sar mill-persuna akkuzata fil-konfront tal-ufficjal pubbliku minhabba xi haga li l-istess ufficjal kien ghamel fil-qadi ta' dmirijietu, jew inkella sabiex ibezzghu meta jigi biex jezegwixxi dawn l-istess dmirijiet u ghalhekk bil-hsieb li jzommu milli jaghmel l-istess. Illi mill-provi akkwiziti ghalkemm ma hemmx dubbju illi l-PS698 huwa ufficjal pubbliku anke meta huwa ma jkunx qieghed jaqdi d-dmirijiet tieghu, madanakollu ma giex ippruvat l-ebda ness bejn dak li sehh u l-qadi ta' dmirijiet ta' dan il-pulizija. Jidher illi l-imputat urta ruhu ghaliex Tabone talbu biex johorg mill-club u hu haseb li kien qed ikeccieh minn hemm gew. L-imputat hass illi Tabone ma kellux dritt jaghmel dan u ghalhekk inqala' l-argument. Ma irrealizzax illi Tabone kien talbu biex johrog barra sabiex ikellmu fuq l-allegazzjoni li kien qed jaghmel Hamada fil-konfront tieghu. Fil-fatt jirrizulta illi wara l-incident l-imputat u s-surgent Tabone tkellmu fejn gie iccarat dana l-*misunderstanding*, kif ighid is-surgent Tabone stess. Kwindi dina l-akkuza ma tistax tirrizulta u l-imputat ser jigi illiberat mill-istess.

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll illi ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna tas-surgent Tabone. Illi mix-xhieda ta' Dr. Michael Portelli jidher illi f'dana l-incident is-surgent Tabone sofra ksur f'ghadma zghira fil-hames subgha ta' siequ x-xellugija u kien minhabba f'dana l-ksur illi l-griehi gew ikklasifikati bhala griehi ta' natura gravi. It-tabib madanakollu jikkontendi illi huwa ma regax ghamel ezamijiet medici ohra fuq il-persuna tal-parti leza.

Minhabba f'dana n-nuqqas fil-provi, il-Qorti ma tistax tistabbilixxi jekk kienx hemm il-konsegwenzi msemmija l-artikoli 216 u 218 indikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tieghu. Kwindi tista' tinstab htija biss ghar-reat tal-offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna tas-surgent Tabone. Illi mix-xhieda tas-surgent Tabone u anke mir-rapport tal-Probation Officer Miriam Sevasta jidher illi l-istess parti leza hafer lill-imputat ghal dana l-incident. Kwindi billi dina l-akkuza tinnecessita l-kwerela tal-parti offiza sabiex tirnexxi billi ma taqax taht dak dispost fl-artikolu 222(1)(a) u (b) tal-Kapitolu 9, ghalhekk il-Qorti ma tistax hlief tiddikjara l-procediment ezawrit. L-istess jista' jinghad dwar l-akkuza ta' natura kontravvenzjonali kif dispost fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9.

Jifdal ghalhekk sabiex jigi kkunsidrat ir-reat kontravvenzjonali ikkontemplat l-artikolu 338(dd) dwar il-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika. Illi fil-kors tat-trattazzjona tal-kawza d-difensur tal-imputat iddikjara illi dina l-akkuza qed tigi ammessa mill-imputat. Kwindi l-Qorti ser issib htija ghall-istess. Finalment billi l-imputat ser jinsab hati biss ta' akkuza ta' natura kontravenzjonali, ghaldaqstant id-disposizzonijiet tal-artikolu 50 ma japplikawx fil-konfront tieghu.

Illi fid-dawl tas-*social enquiry report* imhejji mill-Probation Officer, Miriam Sevasta, il-Qorti ser tordna komunika ta' dina s-sentenza kif ukoll tar-rapport in kwistjoni lid-Direttur ghall-Harsein Socjali fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna u d-direzzjoni li ghandu bzonn fil-hajja tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel, it-tieni u l-hames akkuzi u filwaqt li tiddikjara l-procediment ezawrit fir-rigward tat-tielet akkuza u l-akkuza dwar l-offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Shaun Joseph Tabone, issibu hati tar-raba akkuza u tikkundannah ghal hlas ta' ammenda ta' €50.

Finalment il-Qorti qed tordna komunika ta’ dina s-sentenza kif ukoll tar-rapport esebit Dokument MS a fol. 85 et. seq. tal-process lid-Direttur ghal Harsien Socjali fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex, b’rakkomandazzjoni illi l-imputat jinghata l-ghajnuna li ghandu bzonn permezz ta’ social worker.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------